**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**LAQGĦA STRAORDINARJA SEDUTA NUMRU 14/07 - 19 ta' Frar 2014 fil-17:30pm**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | *skużat* |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *skużat* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* | |

*Attendew ukoll l-Accountants tal-Kunsill is-Sur Alan Craig u s-Sur Ramon Cutajar*

**AĠENDA**

1. Introduzzjoni mis-Sindku
2. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2013 li ser jiġu ppreżentati dak in-nhar tal-laqgħa u spjegati mill-Accountants
3. Għeluq tal-laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Introduzzjoni mis-Sindku

i. Is-Sindku s-Sur Joseph Abela filwaqt li ta merħba lill-Accountants tal-Kunsill is-Sur Alan Craig u s-Sur Ramon Cutajar talabhom sabiex jagħtu spjegazzjoni *tal-unaudited financial statements* għas-sena 2013.

## 2 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2013 li ser jiġu pprezentati dak in-nhar tal-laqgħa u spjegati mill-Accountants

i Is-Sur Cutajar beda billi spjega li din is-sena l-format tal-accounts huwa kemmxejn differenti minn dak tas-sena 2012 għal fatt li kien hemm xi tibdil fl-iStandards tal-Accounts il-mod kif nittrattaw il-joint venture li għandu l-Kunsill Lokali ma Cassar Ship Repair m'għadux jikkwalifika bħala tali imma bħala sussidjara li tiġi bħala "Grupp". Dan fiisser li l-Accounts huma bbażati fuq il-kotba kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-"Grupp".

ii Is-Sur Craig spjega li l-iktar ħaġa li kien hemm kienet li l-Assi li l-Kunsill Lokali kien investa fil-5-aside li jammontaw għal madwar €46,600,(Lm20,000 għoxrin elf lira Maltin) dawn issa in vista ta' dan il-bdil ġew nulli. Jirriżulta li bħalissa dan il-ground tal-5 aside huwa dorment. Ħaġ'oħra kritika li ddeterminat l-accounting treatment li sar kien il-fatt li skont id-dokumenti ppreżentati lilhom, irriżulta li l-Kunsill Lokali għandu l-casting vote.

*Is-Sur Lawrence Bonavia wasal fil-17.40pm.*

iii. Is-Sur Cutajar kompla jispjega li hekk kif jaru d-dokumenti u skond l-iStandards l-ġodda tal-Accounting System, il-Kunsill qiegħed fi żbilanċ ta' €47000. Din il-figura toħroġ mill-Assi Kurrenti u flus li għandna niġbru mingħand id-Debituri kontra dejn li għandna ma terzi. Għal fini ta' kif ikejjel il-Gvern Ċentrali bħala performance, il-Financial Indicator ta' dan il-Kunsill għall-ewwel sena huwa fin-negattiv.

iv. Is-Sur Craig qal li minn dawn l-Accounts ħareġ li l-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni finanzjarja li jħallas għal-PPP u għal resurfacing li kellu jagħmel il-Kunsill li kienu xogħlijiet in konnessjoni mal-PPP, la bil-fondi li kellu u anqas mir-riżervi li kellu.

v. Is-Sur Bonavia rrimarka li jekk il-Kunsill qiegħed jopera *at a loss* allura suppost li l-Kunsill jidħol f'Deficit Procedures.

vi. Is-Sur Craig staqsa lis-Seg. Eżek. jekk id-Direttur Gvern Lokali ġiex infurmat bis-sitwazzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Paul Pace ikkonfermalu li kienet saret laqgħa miegħu fejn wkoll ġie ippreżentat lilu dossier ippreparat minnhom stess bħala Accountants tal-Kunsill sabiex jiċċaraw il-pożizzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Craig qallu li hekk kif joħroġ ċar mill-Liġi tal-Kunsilli Lokali importanti li l-Kunsill jinforma mill-ewwel lid-Direttur Dipartiment Gvern Lokali.

vii. Is-Seg. Eżek. spjega li bħala Kunsill Lokali mill-ewwel ittieħdet azzjoni sabiex nirregolarizzaw il-pożizzjoni. Huwa kompla jispjega li x-xogħol ippjanat fuq il-PPP ġie mwaqqaf immedjatament. L-ispejjeż kollha qed jiġu immoniterjati. Qed ikun hemm kontroll assolut.

viii. Is-Sur Cutajar ta spjegazzjoni ta' fejn u intefqu l-flus fil-perjodu in kwistjoni.

*Is-Sur Frans Agius irtira mill-laqgħa fis-6.15pm*

ix. Sabiex il-Kunsill jilħaq dak mistenni minnu u sabiex inkunu konformi mal-Liġi, il Kunsill kellu jħalli 10% ta l-allokazjoni finanzjarja bħala *net current assets* (id-differenza bejn l-assi kurrenti u id-dejn kurrenti, u teskludi l-grants).

x. Is-Sindku s-Sur Joseph Abela rringrazzja *lill-accountants*, is-Sur Alan Craig kif ukoll is-Sur Ramon Cutajar ta' l-ispjega dettaljata li taw fuq *unaudited financial statements*.

xi. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li *l-unaudited consolidated financial statements* għas-sena 2013 jiġi approvat kif ipprezentati. Il-Kunsilliera kollha preżenti vvutaw kollha favur. *L-unaudited financial statements* għas-sena 2013 ġew approvati. Kopja ta' dawn *l-unaudited consolidated financial statements* tinsab annesa ma' dawn il-Minuti.

## 3 Għeluq tal-Laqgħa

i Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm.

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace Dip.** B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**